MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2006

Numru 291/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jane Refalo**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jane Refalo talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istes disposizzjoin tal-ligi u li gew maghmua b'risoluzzjoni wahda, fit-23.08.2006 ghal habta ta 15:00hrs, fir-Rabat, Ghawdex u fid-diversi jiem ta' qabel matul l-istess xahar ta' Awissu, bhala l-persuna li kellha l-kustodja tal-minuri Nathaniel ta' 11 il-sena u Maria ta' 9 snin, uliedha u ulied Dr Michael Refalo MD ir-ragel taghha li hi separata minnu, naqset li tghaddi l-istess kustodja [<u>recte</u>: li taghti access] lil missierhom hawn fuq imsemmi Dr Michael Refalo MD bejn 15:00hrs u 17:00hrs meta hekk ordnata b'Digriet Numru 27/2006 fl-atti numru 25/2006, fl-ismijiet Refalo Michael Dottor vs

Refalo Jane datat 28 ta' Lulju 2006, moghti mill-Magistrat Dr Paul Coppini LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, u dan l-agir naqset li taghmlu minghajr raguni tajba u xierqa;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-31 ta' Awissu 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Jane Refalo hatja u kkundannatha ghal gimghatejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Jane Refalo, minnha prezentat fit-12 ta' Settembru 2006, li permezz tieghu talbet ir-revoka jew ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-appellanti kellha raguni valida biex ma taghtix access lil zewga ghal uliedha. Dan l-aggravju huwa manifestament infondat u addirittura jirrazenta l-fieragh. Hu evidenti mill-provi li ma kien hemm ebda raguni valida ghar-rifjut taghha, li jidher li kien motivat biss minn pika aggravata b'ossessjoni. Wara li intervjena is-*social worker* Peter Paul Portelli f'Settembru, l-affarijiet jidher li tjiebu xi ftit, ghalkemm xorta wahda kien hemm okkazzjonijiet li fihom ghal ragunijiet inspjegabbli (jew, ghall-anqas, ghall-ragunijiet certament mhux validi) l-access gie negat minnha. Din il-Qorti hija konvinta li l-appellanti ghandha bzonn il-kura.

Kwantu ghall-piena, in vista tal-fedina penali sa issa nadifa ta' l-appellanti u – aktar importanti – fid-dawl tal-verbal registrat fl-udjenza tal-lum li permezz tieghu l-appellanti intrabtet li tottempera ruhha mad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sezzjoni Familja tas-7 ta' Dicembru 2006 kif ukoll obbligat ruhha li ma tohloqx ostakoli taht xi pretest jew iehor ghall-access ta' zewgha ghat-tfal in kwistjoni, din il-Qorti sejra ghal din id-darba biss tbiddel il-piena kacerarja f'wahda pekunjarja.

Ghall-motivi premessi tilqa' in parti l-appell biss fis-sens illi thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn

l-appellanti gie ikkundannata gimghatejn prigunerija u minflok, b'applikazzjoni tal-Artikoli 18 u 31(1)(g) tal-Kodici Kriminali, tikkundannaha multa ta' hamsa w sebghin lira (Lm75) konvertibbli fi hmistax-il guranata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------